**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT DR. JOSEPH MIFSUD**
**B.A. (LEG. & INT. REL.), B.A. (HONS.), M.A. (EUROPEAN), LL.D.**

**Il-Pulizija**

**vs**

**Yaw Akaadom**

**Seduta distrett Valletta**

**Illum 28 ta' Marzu, 2017**

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat **Yaw Akaadom** detentur tal-karta ta' residenza Taljana bin-numru I07255832 billi huwa akkuzat talli nhar is-17 ta' Marzu, 2017, ghall-habta tat-15:15hrs gewwa l-Belt Valletta:-

1. Attakka jew ghamel resistenza bi vjolenza jew b'hebb ta' xorta li ma titqiesx vjolenza pubblika kontra l-persuna ta' PC922 Valhmor Medati u ufficjali ohra, persuni inkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, fil-waqt li kienu qed jagixxu ghall-esekuzzjoni tal-ligi jew ta' ordni moghtija skond il-ligi minn Awtorita` kompetenti, u dan bi ksur tal-Artikolu 96(a) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi ingurjajt, heddidt jew ghamilt offiza fuq il-persuna ta' PC922 Valhmor Medati u ufficjali ohra, persuni nkarigati skond il-ligi minn servizz pubbliku, waqt li kienu qed jaghmlu jew minhabba li ghamlu dan is-servizz, jew bil-hsieb li jbezzahom jew li jinfluwixxi fuqhom kontra l-ligi fl-esekuzzjoni ta' dak is-servizz, u dan bi ksur tal-Artikolu 95 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. U aktar talli fl-istess data, hin, lok u cirkostanzi naqas li jobdi l-ordnijiet legittimi moghtija lilu mill-Pulizija waqt li kienu qeghdin jaqdu d-doveri taghhom jew ma hallihomx jew fixkilhom waqt il-qadi ta' dmirijiethom, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ee) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. U aktar talli fl-istess data, lok, hin u cirkostanzi, f'lok pubbliku jew f'post miftuh ghall-pubbliku, kien f'sakra b'mod li ma kienx jista' tiehu hsieb tieghu innifsu, u dan bi ksur tal-Artikolu 338(ff) tal Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Talli fl-istess lok, data, hin u cirkostanzi volontarjament kiser il-kwiet u l-bon ordni pubblika b'ghajjat u glied, u dan bi ksur tal-Artiklu 338(dd) tal-Kap. 9 tal-ligijiet ta' Malta;
6. U ukoll talli fis-17 ta' Marzu 2017 u fix-xahar ta' qabel f' dawn il-Gzejjer ghex hajja ta' ghazz u vagabundagg u dan bi ksur tal-Artikolu 338 (w) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
7. Fl-istess data, u cirkostanzi f'dawn il-Gzejjer ikkommetta reat waqt il-perijodu operattiv ta' sentenza sospiza hekk kif moghotija nhar id-9 ta' Frar 2017, mill-Magistrat Dr. A. Micallef Trigona LL.D., liema sentenza hija assoluta u ma' tistax tinbidel.

F' kaz ta' htijja il-Qorti ghandha titratta ma Yaw Akkadom li irrenda ruhu recediv ai termini ta' l-Artikli 49 u 50 tal-Kapitlu 9 tal-ligijiet ta' Malta wara li kien instab hati ta' reat sentenza moghtija mill-Qorti ta' Malta, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tinbidel.

**Ikkunsidrat;**

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment u d-dokumenti esebiti.

Semghet, waqt is-seduta tallum, lill-imputat jammetti l-imputazzjonijiet minn tnejn (2) sa sebgha (7) migjuba kontra tieghu u semghetu jikkonferma l-ammissjoni tieghu anke wara li l-Qorti tatu zmien li jikkunsidra l-pozizzjoni taghha.

L-imputat talab skuza ghal dak li wettaq u jiddikjara li jiddispjacih ghall-akkadut.

Semghet trattazzjoni dwar il-piena fejn kien hemm qbil bejn il-Prosekuzzjoni u d-Difiza dwar il-piena.

Il-Qorti rat li l-ewwel imputazzjoni (1) ma tirrizultax u se jkun illiberat minnha.

**Ikkunsidrat;**

Din il-Qorti dwar piena tirrileva u dan b'referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti tal-Appelli Kriminali fl-ismijiet Ir-**Repubblika ta' Malta v. Rene` sive Nazzareno Micallef** moghtija fit-28 ta' Novembru 2006:

> *"Il-piena ghandha diversi skopijiet. Wiehed minnhom huwa sabiex jigi ripristinat it-tessut socjali li jkun gie mcarrat bil-ghemil kriminali ta' dak li jkun. Taht dan l-aspett jassumu mportanza, fost affarijiet ohra, kemm ir- rizarciment tad-dannu da parti tal-hati kif ukoll ir-riforma tal-istess hati. Skop iehor tal-piena huwa dak li tigi protetta s-socjeta`. Dan l-iskop jitwettaq kemm billi fil-kaz ta' persuni li b'ghemilhom juru li huma ta' minaccja ghas-socjeta` dawn jinzammu inkarcerati u ghalhekk barra mic- cirkolazzjoni, kif ukoll billi, fil-kaz ta' reati gravi, is-sentenza tibghat messagg car li jservi ta' deterrent generali. Il-Qrati ta' gustizzja kriminali dejjem iridu jippruvaw isibu l-bilanc gust bejn dawn u diversi skopijiet ohra tal-piena."*

**Decide:**

Il-Qorti rat il-fedina penali tal-imputat, l-fatt li hu ricediv u li dawn ir-reati wettaqhom waqt il-perjodu operattiv ta' sentenza sospiza.

Ghaldaqstant, il-Qorti, ma ssibx lill-imputat hati tal-ewwel (1) imputazzjoni u minnha tilliberah, issib lill-imputat hati tal-

imputazzjonijiet l-ohra kollha migjuba fil-konfront tieghu u tikkundannah multa ta' tmien mija u hamsin euro (€850) multa u is-sentenza sospiza ta' sitt (6) xhur habs hekk kif moghtija nhar id-disgha (9) ta' Frar 2017 mill-Magistrat Antonio Micallef Trigona tidhol fis-sehh b'mod immedjat.

Il-Qorti tirrakomanda lid-Direttur tal-Facilita' Korrettiva ta' Kordin biex il-hati jinghata xoghol prodottiv waqt li jkun qieghed jiskonta din is-sentenza.

Finalment il-Qorti tordna li minhabba li l-imputat m'ghandux mezzi biex itmantni lilu nnifisu u huwa ta' theddida ghal ordni pubbliku ta' pajjizna, meta jiskonta s-sentenza jkun ripatrijat jew lejn l-Italja fejn ghandu karta ta' residentza Taljana 107255832 jew f'pajjizu l-Ghana u dan skont kif jipprovdi Artikolu 5(2)(a)(d) tal-Kap 217 l-Att dwar l-Immigrazzjoni tal-Ligijiet ta' Malta.

**DR JOSEPH MIFSUD**
**MAGISTRAT**